Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATUR
# Laqgħa Numru 66
# It-Tlieta 23 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier < Dahal 06:25 u Hareg 07:15 >
Romina Galea – Kunsillier <Harget fit-08:00pm>
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier <Hareg fit 08:20pm>
Lino Bartolo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**66.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

66.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

66.1.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba li jinsab msiefer fuq xoghol.

66.1.03 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta'apoloġiji

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

66.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-65 ttieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet fil-minuti 65.4.14 , 65.4.21 , 65.5.03 u 65.8.01

**66.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

66.3.01 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <63.3.01> ghad-danni ta' 120 ewro ghal hsara f'tyre mis-Sur Antonio Camilleri li qal li sehh fi triq Nazju Falzon.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u kkunsidraw il-wear and tear u approva hlas ta 50% tad-danni.

66.3.02 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda sejha ghan-nomina <63.3.02> ghall- award Nazzareno Vassallo for initiatives in elderly care.
Is-Sur Charles Selvaggi nnomina lis-Sur Lino Bartolo li gie ssekondat mis-Sur Emanuel Brincat.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament.

66.3.03 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <63.3.03> minghand Nissan motors biex jaghmlu car Display stand go Upper Rue D'Argens ghal perjodu ta' zmien.<Is-Sur Lino Bartolo issuġġerixxa biex flok iħallsu ta-reklami naraw jistgħux jgħattu Van lill-Kunsill b'xi kundizzjonijiet>

Miżjuda:<Is-Sur Lino Bartolo issuġġerixxa biex flok iħallsu ta-reklami naraw jistgħux jgħattu Van lill-Kunsill b'xi kundizzjonijiet>

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament.

66.3.04 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja <63.3.04> tal-poster ghall-attivita’ tal-kunsill ghall-karnival.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hemmx bzonn permess biex tintuza il-logo <uffiċjali tal-kumitat> tal-karnival.

Miżjuda:<uffiċjali tal-kumitat>

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ser jiccekja u jgharraf lis-Segretarju qabel ma dan jitwahhal.

66.3.05 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <63.3.05> minghand YMCA ghal reserved parking area quddiem 44 Triq it-torri Msida biex tintuza minnhom matul il-gurnata.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u m'approvawx.

66.3.06 Is-Sindku Margaret Cefai pprezentat fuq il-mejda talba <63.3.06 >minghand Jackpot Joy Group ghal recycle skips go Triq C de Brocktorff.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u m'approvawx.

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

66.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-programm tal-Milied li kellu jsir go Misraħ San Guzepp nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru tħassar minħabba il-Maltemp.

66.4.02 Dwar it-talba u risposta minn Trasport Malta fil-hrug minn Triq Sta Venera ghal Triq il-Wied, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk tistax ssir tabella Proceed with caution when raining.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li se jara jekk tistax ssir.

66.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba mingħand is-Sur Godwin Sultana għan-nom tas-Sur Stefan Mogale biex jiġi kkunsidrat li titmexxa aktar ‘il fuq iż-żebra Crossing ta' Triq Rue d'Argens intbaghtet email bid-deċiżjoni tal-kunsill fejn ħadna risposta lura li dan se jibqa' jippersisti ma TM biex din timxi.
Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq ir-rampi u railings waqt lis-Sur Lino Bartolo tellem fuq il-flanges tal-Belisha lights biex jitnehhew ghax xi hadd jista’ jitgerrbeb fuqhom.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ser jara jekk tistax issir cone sakemm dawn jitnehhew filwaqt li s-Sur Brincat wiegeb li Trasport Malta ghandhom jaghmlu il-kumplament tax-xoghol.

66.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-ħarġa għas-sejħa interna għal Skrivan Full Time Skala 15, kien hemm applikazzjoni waħda u din tissodisfa il-kriterji meħtieġa.
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-kriterji.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li l-kriterji kienu l-istess bhalma giet ngagatta l-applikant ghall l-istess posizzjoni tlett snin qabel u dawn jista’, jekk irid, jipprovdihom.

66.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar ilmenti u rapporti lit-Trasport Malta fuq is-Subway tal-iSkatepark u staqsa jekk sarx ix-xoghol kollu.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li x-xoghol ta’ manutenzjoni fl-iskate park sar mill-Kunsill ghall-isports filwaqt li ghall-katusi tas-subways dawn tnaddfu mill-cleansing department izda TM ghad iridu jaraw kif ser issir biex dawn jinbidlu ghax hemm sistema antika u ma tlahaqx mal-ilma.

66.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Inizjattiva, Financial Initiative Tarmac of Roads which fall under LC's responsibility. Saru l-istimi tal-perit għal Triq Ġwann Mamo u waslu l-istimi mingħand il-kuntrattur u jirrizulta li din hija ferm għolja għall-ammont li jrid joħroġ il-kunsill.

Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk nistghux nitolbu estensjoni biex issir meta opportun Triq Nazju Falzon.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ga konna tlabna estensjoni ghal Triq Nazju Falzon u din giet accetata sa 28 ta' Frar, biss din xorta ma setghetx ssir minhabba xoghol ta' servizzi li ma ppermettewx li din ssir minhabba li sakemm isiru t-testijiet tal-mains dan kien ifisser bejn 5 jew 6 gimghat maghluqa u fi zmien tal-skola li dan mhux possibli.

66.4.07 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-unloading bay u reserved parking go Rue D'Argens u qal li wiehed mir-reserved <ta'hdejn il-Pincot> irid jitnehha | Miżjuda:<ta'hdejn il-Pincot>

Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li ta dettalji lil Trasport Malta u hadu nota ta' dawn u suppost se jiehdu hsieb.

66.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar it-Toroq min se jaghmilhom u liema huma li se jsiru.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ghat-toroq se jkun hemm l-agenzija l-gdida li ghad trid tibda fis-sehh filwaqt li sa fejn huwa nfurmat din se taghti prijorita' lit-toroq skond l-istat hazin taghhom.

66.4.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar it-Triq Censu Farrugia fejn ma hemx il-marki u min se jghamilhom.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li la hija bicca gdida suppost saret minn TM jekk mhux hekk tista' ssir mill-Kunsill.

66.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li waqt laqgħa mar-rappreżentant reġjonali għal Trasport Malta fuq il-post ġie kkonfermat li loading u unloading qed tiġi abbużata u saret talba uffiċjali biex timxi aktar 'lisfel u tickien fejn il-kumplament tal-ispazju jsir parkeġġ.

66.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba għal-laqgħa mas-Sur Desira bħala sid il-kumpanija Road Maintenance Services Ltd fuq il-fanal ta' Victor Denaro . Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai flimkien mas-Segretarju Eźekuttiv iddiskutew is-Suġġett mall-avukat u din baghatet risposta b'email li passi legali setgħu isiru biss qabel ma skada il-perjodu ta' sentejn .

Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hux se jittranga.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ghadu qed jipprova li dan isir mill-kumpanija Road Maintenance Services Ltd izda jekk ma naslux se jqabbad kuntrattur iehor halli dan isir.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa biex jingabar il-madum li hemm ghand is-Sur Desira.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li hemm 'il fuq minn 300 metru kwadru u m'hemmx fejn jigi stivat u qed jikkunsidra jekk insibu garaxx biex dan jinkera.

Is-Sur Maurice Agius ssugerixxa biex niktbu lill-kapillan biex forsi jiprovdi ftit spazju fl-mhazen

66.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-istat tal-art ta' mad-dawra tal-monument għax din hija vera perikoluża fejn erġajna ktibna biex dan isir.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li t-TM qalu li ghandhom isiru tiswijiet ta' emergenza b'kuntrattur tal-emergenza.

66.4.13 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar il-kulvert ta' Triq Xatt l-Imsida hdejn il-Bus Stop ghax fi stat hazin u xorta zzomm l-ilma.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li kien fuq il-post matul il-Gurnata u ha ritratti godda u ga rega' ghamel rapport iehor lill-Trasport Malta.

66.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar sparatura għall-ħamiem jekk il-kunsilliera jafu xi kaċċaturi interessati jipprovaw isaqsu jekk jistgħux jiġu ħalli isiru arranġamenti jew jekk huwa permess wieħed mill-impjegati mislufa offra li jonsob u joqtol dan it-tajr.
Is-Sur Maurice Agius qal li ghalxejn taghmel rapporti fuq min jitma l-hamiem ghax il-Pulizija ma tiehux azzjoni.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li staqsa ghall xi kuntatti u se jara x'hemm aktar bzonn biex jaghmel l-arrangamenti halli ngibu l-permessi mehtiega.

66.4.15 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet x'jista' jsir fuq resident go Triq il-kuncizzjoni ghax qed jinqeda barra t-triq u wiehed mil-girien mar ghamel rapport lill-pulizija u qalulu biex jiftah kawza.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ma jistax ikun cert x'qal lill-pulizija, biss is-soltu jekk ssir tahrika jitolbu lil min jaghmel ir-rapport biex titla jixhed. Biss hafna nies ma jkunux iridu hekk u f'dak il-kaz il-pulizija tista' tmexxi jekk taqbdu fil-fatt u se jitlob biex forsi jsiru xi patrols mill- pulizija fl-inhawi.

66.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-periklu fejn kostruzzjoni li tinstab tiela ħdejn il-mużew tas-subien li din ġiet zbarazzata u infetaħ passaġġ għall-bankina. Il-kunsill jinsab infurmat li daqt ikun lest il-ħadid il-ġdid għal mal-bankina filwaqt li x-xogħol fil-binja wasal fl-ahhar fażi.

Is-Sur Maurice Agius qal li ghadu mhux maghluq kif suppost u xorta accessibli filwaqt li l-hadid ghandu jsir parrigg jew isir ukoll tan-naha l-ohra tat-triq.

66.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-Tender tal-Bandli tas-Swatar fejn ix-xogħol huwa miexi u qed jiġi ppreparat l-art biex jiġi mwahhal l-apparat tal-Gym.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kamera ghadhiex hemm.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li din ghada hemm izda hemm xi apparat bil-hsara u qed jara x'jaqbel isir.

66.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l- ispeed signs ta' Triq il-Kunċizzjoni. Il-ħaddiema marru jiccekjaw dawn u ma sabux it-tabelli kollha l-istess filwaqt li baghtna korrispondenza lill-LESA biex jikkunsidraw jinstallaw speed camera jew xi miżura oħra.

66.4.19 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba għall-aktar dawl go Triq tas-Sisla fejn qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni.

66.4.20 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba biex jitnehhew xi fdalijiet ta' katusi li tħallew hemm meta saret it-triq tas-Sisla u intbghatu l-ħaddiema biex jaraw x'jistgħu jizbarazzaw .

Is-Sur Emanuel Brincat qal li dawk huma tal-WSC u nistghu nitolbu lilhom jigu.

66.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar abbużi go Triq E.H. Furse minħabba li xi wħud qed jitilgħu wrong way fejn tlabna lill-LESA tibgħat uffiċjali fuq il-post.

66.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba biex jiċċaqlaq van minn Triq l-Università' għax ilu hemm pparkkjat u jintuża bħala store se jikkoordinaw bl assistenza tal pulizija biex ikunu jistgħu jiġu rranġati is-sinjali tal parkeġġ u fl-stess hi jiċċaqlaq il-Van ghalkemm dan ghad ghandu licenzja valida.

66.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti, dwar talba biex kulvert fi Triq Prinċipessa Margaret jitnaddaf, li dan sar.

66.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar reklamar fit-toroq se ssir spezzjoni fit-toroq mis-segretarju Eźekuttiv u l-impjegata responsabbli mill-permessi biex ikun verifikat fejn hemm reklamar li jrid ikun regolarizzat bil-bye Law. Din wara trid tintalab l-assistenza tal-pulizija jekk ikun hemm min ma jridx jiġi regolari.

Miżjuda:<U staqsa kemm ħallas għax f'żmien il-Milied kien hemm 75 riklam u mhux sew li mela kullimkien bil-billboards u ma jħallasx għax vojta>

Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hemmx bzonn li tohrog l-impjegata u dwar xi reklamar li sar fil-Milied.<U staqsa kemm ħallas għax f'żmien il-Milied kien hemm 75 riklam u mhux sew li mela kullimkien bil-billboards u ma jħallasx għax vojta>

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li biex itittiehed stock ta xhemm fuq barra dan bilfors rrid ssir hekk, filwaqt li hemm bzonn ssir arrangament biex dawn jinzammu puliti jekk mhux b'riklam xi haga ohra simili.

66.4.25 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk jistax isir refreshing taz-zebra crossing hdejn ir-Red stars.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li dik triq traffikuza u jaqbel nitolbu lill-TM biex din isir.

66.4.26 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk tistax <titnaddaf> tabella No Entry u titnaddaf il-mera fi Triq Tabib Naudi k/m Rue D'Argens.

Mibdula:<titnaddaf>

66.4.27 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-fetha fejn l-Invicta go Misrah il- Barrieri biex naraw x'jista jsir ghall-marki tat-triq fil-kantunieri .

66.4.28 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar l-skola biex jikkunsidraw li jsir parkegg .

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn ssir laqgha mal-ministru.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ghalissa m'hemmx bzonn ssir laqgha ghall-iskola ghax il-Kunsill m'ghandux x'jaqsam mal-iskola.
Is-Emanuel Brincat qal li m'hemm xejn deciz u parkegg ga gie ssugerit izda ghad m'hemmx pjan finali ghall-iskola.

Is-Sur Maurice Agius qal li jekk isir laqgha ma xi ministru l-kunsilliera ghandhom jigu avzati biex min rrid jattendi u qed javza lis-Segretarju Ezekkutiv dwar dan.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li jekk jibaghtu biex jiltaqaw maghha hi tmur u tinforma wara jekk dawn jitolbu biex jiltaqaw mal-Kunsill hija tavza.

Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jikkonsulta mad-Dipartiment.

66.4.29 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-Marina Home ghax meta jigu biex inizlu xi anzjan jinblukaw it-traffiku go Triq il-Bacir.
Is-Segrettarju Ezekutiv wiegeb li ma waslux rapporti u jekk hux xi haga ta' kuljum

66.4.30 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet jekk jistax jinzabar il-hedge tal-Gnien go Victor Denaro.
Is-Sur Lino Bartolo qal li dawn daqt jaslu ghaz-zabra.

66.4.31 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet jekk jistax isir xi haga ghaz-zebbug fis-Central Strip ta' Triq L Zahmenoff.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ga baghat lill-kuntrattur u dan naddafa izda dawn is-sigar iwaqqghu hafna u talab lill-kuntrattur jiehu hsieb .

66.4.32 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk tistax ssir laqgha mal-Enemalta forsi isir id-dawl St Joseph drive.

66.4.33 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar id-dawl tal-monument u kif fthemna mal-GWU.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan se taghmlu il-GWU u se jinqasam bin-nofs

66.4.34 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hux possibli li meta jsir xoghol fuq il-bankini il-kurduna tigi maqluba.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dan jista' isir meta ssir bankina shiha.

66.4.35 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar il-progett ghall-akkommodazzjoni socjali u biex issir konsultazzjoni fuq dak li se jsir minhabba il-parkegg.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li l-pjanti kienu hargu izda ma nstema xejn s'issa u nfurmata li m'hemmx hafna Garaxxijiet.

**66.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

66.5.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda l-proposti għall- estimi finanzjarji għas-sena 2018 u spjega li wara li s-sena 2017 gabet ir-rizultat mixtieqa u li dan jirrifletti sitwazzjoni finanzjarja aktar stabbli u maħsub biex bhas-sena ta' qabel, waqt li nkunu prudenti naraw għall-liema tip ta' xogħol u progetti jkun possibli l jsiru u mill-fondi li nistgħu nagħmlu użu minhom. Hawn kompla billi tkellem fuq xoghol ta' bankini u gonna fejn hemm numru ta' progetti mahsuba biex jintuzaw fondi UIF u progetti ohra sa fejn jista' jasal il-kunsill bil-fondi tieghu u spjega li fejn jidhlu toroq hemm bżonn nitolbu lill-Trasport Malta u awtoritajiet ohra kompetenti biex jiehdu hsieb l-istat hazin u xoghol ta' rekostruzzjoni taghhom li mhux fil-funzjoni tal-Kunsill lokali u kompla jispjega li hemm mahsub biex il-latrina tigi modernizzata jew ssir mill-gdid u affarijiet ohra fosthom xiri ta' sistemi ghall-accounts, server, apparat tal-PABX, ghodda ghax-xoghol regolari fl-ufficju amministrattivi u htigiet ohra bi pjan li jinxtraw matul medda ta' zmien u marbuta ma' htigijiet obligatorji fuq sahha u sigurta' fil- binja tal-Kunsill u anke tal-haddiema u dawk li juzaw il-binja.

Il-kunsilliera prezenti staqsew numru ta' mistoqsijiet, ddiskutew l-estimi finanzjarji fejn gew approvati unanimament.

66.5.02 fit 08:10 il Kunsillier Emanuel Brincat gibed l-attenzjoni li ghandu bzonn jitlaq u daqt irid imur u minhabba li ma jkunx fadal il-quorum gie deciz li jsiru l-item 66.5.09 u 66.5.10 u l-iSkeda tal pagamenti.

66.5.03 laqgħa annwali Aggornata ghat-8 ta' Frar.

66.5.04 Talbiet ghal xoghol / applikazjonijiet Aggiornata ghat-8 ta' Frar.

66.5.05 Talbiet ghal xoghol / applikazjonijiet Aggiornata ghat-8 ta' Frar.

66.5.06 Bring in Site Victor Denaro Aggornata ghat-8 ta' Frar.

66.5.07 Kumitat ghall-Evaluiazzjoni Aggornata ghat-8 ta' Frar.

66.5.08 Attendenza Aggiornata ghat 8 ta'Frar

66.5.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega u ppreżenta fuq il-mejda il-performance appraisal tal-impjegati għall-approvazjoni. Saru xi mistoqsijiet u tweġibiet.

Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw il-massimu tal-perċentaġġ

66.5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella halla għad-diskussjoni l-item tal-aġenda li kien imiss għal Kunsilliera preżenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il-mejda il-performance appraisal tas-Segretarju Eźekuttiv fil-Kariga għad-diskussjoni

Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw il-massimu tal-perċentaġġ

**66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

66.6.01 Ma kienx hemm rapporti

**66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

66.7.01 Aggornata ghat 8 ta' Frar

**66.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

66.8.01 Is-seduta giet aggornata minhabba li ma kienx hemm quorum biex titkompla l-agenda u giet aggornata ghas-seduta li jmiss fit 8 ta' Frar fil 5:30.

Minuti konfermati, illum 27 ta' Marzu 2018

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |